**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 5 t' Awissu, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spettur Silvio Magro)**

**-vs-**

**Manolov Ivan Zlatev detentur ta' Karta tal-Identità Maltija bin-numru 81767A u tal-Karta tal-Identità Bulgara bin-numru 644227234**

Kumpilazzjoni Nru. 308/2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Manolov Ivan Zlatev talli:

1. Nhar 11 ta' Ġunju, 2016, ġewwa Departures Malta International Airport bejn 10:40Hrs u 11:20hrs, bl-imġieba tiegħu tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih; u

2. ġewwa MIA Police Station fl-istess data, għall-ħabta ta' 11:50hrs, inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' Insp Silvio Magro and Ps 1449 David Parnis, persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li għamlet dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħaha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur *tal-Artiklu 91 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.*

Il-Qorti ġiet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnhu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qieghed jinstab hati dwarhom l-imputat, il-fedina penali tieghu, kif ukoll tal-fatt li l-ammissjoni tieghu saret fi stadju mill-aktar tardiv u cioe` fl-istadju tad-difiza. Il-fatt li bl-agir tieghu seta' kien hemm konsegwenzi ferm aghar, b'paniku jinholoq gewwa l-Ajruport Internazzjonali, il-Qorti tqis li l-piena imposta ghandha tirrifletti is-serjeta` tal-akkuzi. Ma jridx jintnesa li l-akkuzat hedded ufficjali tal-pulizija fil-qadi tad-doveri taghhom; kondotta skabruza ghall-ahhar. Il-Qorti qisset ukoll li l-imputat ilu kwazi xahrejn mizmum taht arrest.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 91 u 251(3) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien erba snin millum, kif ukoll ghall-multa ta' tlett elef u tmien mitt Ewro.

Il-multa imposta ghandha tithallas fi zmien tlett snin b'rati mensili li jibdew jiddekorru mil-ahhar t'Awissu, 2016. F'kaz ta' nuqqas ta' hlas dan l-ammont ikun konvertibbli fi prigunerija.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**